TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 56/10

**Rosaline Azzopardi**

**vs**

**GO Mobile plc**

Illum 6 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-16 ta' Frar, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet li jinbidlilha l-*mobile phone* li xtrat għal prezz ta' mitejn u disgħa u erbgħin ewro (€249) għal wieħed iktar avvanzat fit-teknoloġija, li kienet talbet għalih.

Is-soċjeta' intimata ippreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *mobile phone* fejn ġiet infurmata li dan il-*mobile phone* kien bil-Wi-Fi u għalhekk qegħda titlob li jinbidlilha ma' wieħed li fih il-Wi-Fi, għaliex meta wżatu ma kienx fih Wi-Fi.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi l-*mobile phone* m'għandux ħsara, u ma taha l-ebda garanzija li l-*mobile phone* kellu jkollu l-Wi-Fi, u li hija stramba li wara sitt xhur tinduna li dan il-*mobile phone* ma kienx qed ikollu Wi-Fi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Wara li sema' lill-partijiet, it-Tribunal qiegħed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti, pero' jaraha stramba li r-rikorrenti wara sitt xhur użat il-Wi-Fi u ma ndunatx li ma kienx hemm. Pero' xorta jibqa' l-fatt li t-Tribunal qed jemmen lir-rikorrenti meta ordnat *mobile phone* bil-Wi-Fi fih.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-*mobile phone* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**